MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Appell Civili Numru. 2479/1996/1

**Alfred Grech**

**vs**

**Pauline Grech f'isimha proprju u b'Digriet tas-16 ta' Marzu 1998 giet nominata Pauline Grech bhala kuratrici biex tirrapprezenta l-interessi tal-minuri Terence Grech.**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

**<u>IC-CITAZZJONI TA' L-ATTUR</u>**

1. B'citazzjoni, l-attur wara illi ppremetta illi l-kontendenti kienu awtorizzati jidhlu f'kuntratt ta' separazzjoni personali liema kuntratt gie redatt quddiem in-Nutar Marco Burlo` fit-3 ta' Awissu 1995; illi skond il-Klawsola (vi) ta' l-istess kuntratt, l-attur illum appellanti ntrabat u obbliga ruhu illi jissomministra s-somma ta' erbgha u hamsin Lira Maltin (Lm54.00) fil-gimgha bhala manteniment ghal ibnu; illi l-qaghda finanzjarja ta' l-attur appellanti tbiddlet radikalment mill-iffirmar ta' tali kuntratt b'tali mod li l-istess attur appellanti huwa finanzjarjament indigenti u jinsab fl-impossibilita` li jhallas daqstant manteniment; talab lill-ewwel Onorabbli Qorti (1) tiddikjara illi l-attur illum appellanti huwa disokkupat u ilu hekk disokkupat sa mis-7 ta' Frar 1996; (2) tordna c-cessjoni jew varjazzjoni ta' l-obbligu da parti ta' l-attur appellanti illi jissomministra lill-konvenuta pro et noe r-retta alimentari li huwa tenut li jissoministra ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi; (3) tordna illi c-cessjoni jew varjazzjoni ta' l-obbligu ta' l-attur appellanti li jissomministra retta alimentari illi hu tenut illi jissomministra ai termini ta' l-istess kuntratt fuq imsemmi, kellha topera retrospettivament mid-data meta l-attur appellanti waqaf mix-xoghol bi qliegh.

**<u>L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTA</u>**

2. Il-konvenuta eccepiet fl-ewwel lok illi l-istess eccipjenti wahedha ma kellhiex ir-rapprezentanza gudizzjarja ta' l-imsemmi minuri billi l-istess hija vestita skond il-Ligi fiz-zewg genituri; illi huwa risaput illi *pacta sunt servanda* b'mod illi m'huwiex apert lill-attur illum appellanti illi jittenta jirrevedi stipulazzjonijiet kuntrattwali minnu liberament accettati hlief safejn tali revizjoni huwa kkontemplat fil-kuntratt; illi l-kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat bejn il-kontendenti ma jikkontemplax id-dritt ta' revizjoni tal-manteniment hlief fic-cirkostanzi ben definiti fl-istess kuntratt, liema cirkostanzi la gew premessi u wisq anqas ma vverifikaw ruhhom fir-realta`; illi l-indigenza allegata mill-attur appellanti hija kontesta mill-istess eccipjenti ghar-ragunijiet illi ghandhom jirrizultaw bhala validi fil-kors tas-smiegh tal-kawza; salv eccezzjonijiet ohra.

## IS-SENTENZA APPELLATA

3. B'sentenza minnha moghtija fid-29 ta' Jannar, 2003, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, wara illi ghamlet il-kunsiderazzjonijiet hemm riportati, cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-istess attur.

## L-APPELL TA' L-ATTUR

4. Illi l-attur hass ruhu aggravat mill-imsemmija sentenza, u interpona minnha appell fuq l-aggravji segwenti:-
L-ewwel Qorti segwiet l-insenjament ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza Victoria Camilleri pro et noe vs Mahmood Faraj Abdul Kareem[1] fejn gie ritenut illi d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 21(1) u 54(7) tal-Kodici Civili riferibbilment ghall-varjazzjoni tal-manteniment ma japplikawx ghall-manteniment pattwit bejn il-partijiet *ex contractu*, izda xorta wahda, f'tali kazijiet, ghandu japplika l-principju *nemo ad impossibilia tenetur* kif inkorporat fl-Artikolu 985 tal-Kodici Civili.  L-appellanti kien, fid-diversi sottomissjonijiet minnu maghmula, irrefera ghall-principju *nemo ad impossibilia tenetur* in sostenn tat-talba tieghu, izda biss in linea sussidjarja, u f'dan ir-rigward biss, jikkondividi l-insenjament ta' l-ewwel Qorti.

B'danakollu, l-istess appellanti qieghed umilment ghal darb'ohra jirribadixxi l-argumentazzjoni tieghu illi l-Artikoli 21(1) u 54(7) tal-Kodici Civili illi jipprovdu kjarament dwar tnaqqis ta' manteniment f'kaz ta' tibdil ta' cirkostanzi, ma jaghmlu ebda distinzjoni bejn manteniment ordnat gudizzjarjament u dak stabbilit *ex contractu* u ghalhekk l-imsemmija disposizzjonijiet huma pjenament applikabbli anke ghall-kaz odjern.  Bl-akbar rispett lejn id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti, il-principju illi tali distinzjoni mhix accettabbli gie anke rikonoxxut fis-sentenza fl-ismijiet Mary Vella vs Mario Vella[2] deciza mill-Qorti ta' l-Appell, u anke citata fis-sentenza prezentement appellata, fejn gie ritenut:-

*"... hu minnu li l-Ligi llum ma taghmel l-ebda distinzjoni bejn il-manteniment 'ex lege' jigifieri dak determinat b'sentenza tal-Qorti, jew dak 'ex contractu', in kwantu*

---

[1] 2 ta' Novembru 1994.
[2] 11 ta' Jannar 1996.

*tezisti l-possibbilita` ta' min hu obbligat li jhallas il-manteniment li 'jitlob li jkun mehlus mill-obbligu jew ikun imnaqqas skond ma jkun il-kaz' jekk jigi fi stat li ma jkunx jista' jaghti aktar il-manteniment kollu jew bicca minnu, (art. 21(1) ta' l-Att XXI ta' l-1993)..."*[3]

Ghalhekk, f'dan ir-rigward, l-appellanti jissottometti bir-rispett illi d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti illi d-disposizzjonijiet citati ma japplikawx ghal manteniment pattwit bonarjament bejn il-partijiet, hija erronea, ghaliex galadarba l-Legislatur ma ghamilx distinzjoni, bl-akbar rispett, l-ebda Qorti m'hija intitolata illi tiddistingwi.

Minghajr pregudizzju ghal dak illi ser jinghad aktar 'il quddiem rigward l-apprezzament mill-ewwel Qorti tas-sitwazzjoni fattwali ta' l-appellanti in segwitu ghall-kuntratt konkluz bejn il-partijiet, u partikolarment ghall-genwinita` tad-diffikulta` emottiva, psikologika u konsegwentement finanzjarja, illi sab ruhu fiha l-appellanti, jigi rilevat umilment illi din id-decizjoni zbaljata ta' l-ewwel Qorti, ikkagunat pregudizzju prattiku lill-appellanti. Dan peress illi l-istess Qorti di Prim Istanza, wara illi bbazat ruhha fuq distinzjoni bejn manteniment stabbilit gudizzjarjament u dak stabbilit bonarjament – liema distinzjoni hija totalment inezistenti f'ghajnejn il-Ligi ai termini ta' l-Artikoli 21(1) u 54(7) tal-Kodici Civili – ghaddiet biex applikat rekwiziti ferm rigidi sabiex tikkonsidra sodisfatt il-principju *nemo ad impossibilia tenetur* u rriteniet, ghal darb'ohra erronjament, illi l-appellanti ma sabx ruh f'sitwazzjoni ta' impossibilita`.

L-ewwel Qorti segwiet l-insenjament tal-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza citata fl-ismijiet Vella vs Vella[4] sabiex irriteniet illi l-kriterji applikabbli fil-kaz odjern huma aktar rigidi u gravi minn dawk applikabbli f'kaz ta' manteniment stabbilit gudizzjarjament. Ghal darb'ohra, l-appellanti

---

[3] Ghalkemm huwa minnu illi f'dina s-sentenza l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell iddikjarat illi f'kaz ta' manteniment stabbilit permezz ta' kuntratt, ghandhom japplikaw kriterji aktar rigidi u gravi minn f'kaz ta' manteniment deciz gudizzjarjament. L-appellanti, bl-akbar rispett, ma jikkondividix tali insenjament, izda ciononostante, jissottometti bir-rispett illi l-kaz odjern kien jissoddisfa sahansitra tali kriterji rigidi u gravi, liema fattur ma giex debitament u korrettement apprezzat mill-ewwel Onorabbli Qorti.

[4] 11 ta' Jannar 1996.

jissottometti bir-rispett illi tali distinzjoni u insistenza fuq kriterji aktar rigidi u gravi fil-kaz odjern, hija skorretta legalment. B'danakollu, anke kieku wiehed kellu, ghall-grazzja ta' l-argument biss, jaccetta n-necessita` ta' rekwiziti aktar stretti f'kaz ta' manteniment stabbilit permezz ta' kuntratt, l-appellanti xorta wahda jissottometti bir-rispett illi tali rekwiziti gew ampjament sodisfatti fil-kaz odjern, u n-nuqqas ta' l-ewwel Qorti illi tirrikonoxxi dan il-fatt, kien zball rizultanti f'ingustizzja ma' l-istess appellanti.

Minghajr pregudizzju ghall-argomentazzjoni legali precedenti, l-appellanti jissottometti bir-rispett illi fil-kaz odjern, l-Ewwel Qorti naqset milli tapprezza illi l-qaghda finanzjarja ta' l-appellanti tbiddlet radikalment mill-iffirmar tal-kuntratt, b'mod illi fiz-zmien tal-prezentata tac-Citazzjoni u anke prezentement, l-appellanti huwa finanzjarjament fl-impossibilita` illi jhallas l-ammont ingenti ta' manteniment stabbilit fil-kuntratt bejn il-kontendenti. L-ewwel Qorti rriteniet illi, galadarba jirrizulta illi l-appellanti qieghed jahdem, imqar jekk *part-time*, allura ghandu potenzjal u kapacita` ghall-qliegh minn xoghol redditizju u opportunitajiet oggettivi biex jezercita professjoni potenzjalment redditizja.

Bl-akbar rispett, l-ewwel Qorti, f'tali gudizzju taghha, tidher illi strahet esklussivament fuq l-allegazzjoni gratuita tal-konvenuta llum appellata, fis-sens illi qabel ma l-partijiet isseparaw, in-negozju minnhom gestit kien jirrendi mat-Lm18,000 fis-sena, ghaliex l-appellanti huwa *hairstylist* tajjeb u ta' certa esperjenza u kellu hafna klijenti tajbin. Apparti l-fatt illi tali allegazzjoni baqghet bl-ebda mod ma giet sostnuta bi provi konkreti jew oggettivi ghajr il-kelma ta' l-istess appellata, jigi umilment rilevat illi l-gudizzju ta' l-ewwel Qorti bazat fuq tali allegazzjoni, ma jiehux kont tal-genwinita` tas-sitwazzjoni ta' l-appellanti illi stqarr illi huwa kien irriskontra, b'mod ghal kollox naturali, peggorament tal-problemi psikologici serji gia` ezistenti fiz-zwieg – ampjament ammessi mill-konvenuta appellata in kontro-ezami – wara s-separazzjoni personali. Tali dipressjoni psikologika (illi fil-passat kienet anke wasslet ghal tentattiv ta' suwicidju, kif ghal darb'ohra ammess mill-konvenuta appellata), kombinata mal-fatt illi l-istess appellata

ovvjament, wara s-separazzjoni bejn il-kontendenti, ma baqghetx tassisti lill-appellanti fix-xoghol tieghu kif kienet taghmel b'mod ampju precedentement, ma ppermettewx illi l-appellanti jzomm il-kirja tal-hanut gestit mill-kontendenti waqt iz-zwieg, tant illi sa ftit xhur wara s-separazzjoni personali, l-istess appellanti ma kellux il-mezzi sabiex ihallas il-kirjiet ta' l-imsemmi hanut, u ghalhekk kellu jcedi l-kirja.

Wiehed ma jistax ma jikkummentax dwar il-fatt illi hawnhekk certament si tratta ta' sitwazzjoni genwina stante illi m'hemm l-ebda raguni ghaliex l-appellanti kellu bonarjament u volontarjament jaccetta manteniment ferm ingenti ghal wild minuri wiehed, liema manteniment ma kellux jigi mnaqqas lanqas f'kaz ta' impjieg anke *full-time* tal-konvenuta llum appellata, u mbaghad, kapriccozament u arbitrarjament, kif qed jigi allegat u kif jidher illi gie anke accettat mill-ewwel Qorti, jitlef l-uniku assi lilu assenjata, u cioe` l-kirja tal-hanut. Kieku verament l-appellanti ma riedx illi jmantni lil ibnu, seta' ma accettax il-kundizzjoni tal-kuntratt illi gie eventwalment iffirmat bejn il-partijiet, u ppersista ghal soluzzjoni gudizzjarja. Wara kollox wiehed ma jridx jinjora l-fatt illi l-appellanti, mid-divizjoni bonarja ta' l-assi, prattikament ha l-kirja tal-hanut biss, mentri l-konvenuta llum appellata giet assenjata l-immobbli u l-mobbli kollha, inkluz il-vettura, kif ser jigi elaborat aktar 'il quddiem.

B'danakollu, anke meta l-appellanti, minhabba t-trauma psikologika sofferta minnu wara s-separazzjoni personali, li *del resto* ma giet bl-ebda mod kontestata mill-konvenuta llum appellata, tilef il-hanut illi kien jiggestixxi *di proprio*, ma qaghadx ma jitghazzen, u sabiex imantni lilu nnifsu u aktar u aktar sabiex dejjem jipprova jlahhaq ma' l-obbligu tal-manteniment minnu assunt, dejjem impjega ruhu meta sab il-possibilita` - ghall-ewwel fuq bazi *full-time* izda meta l-hanut li kien fih ghalaq, anke fuq bazi *part-time.*

Wiehed ma jridx jinjora l-prova inkonfutabbli tal-mezzi ta' l-appellanti wara s-separazzjoni personali, kif rizultanti mill-kuntratt konkluz bejn il-partijiet, fejn jirrizulta kjarament illi mentri l-konvenuta appellata giet assenjata l-Villa li kienet

tikkostitwixxi d-dar matrimonjali, bil-mobbli fiha, il-vettura u anke zewg poloz ta' assikurazzjoni, l-appellanti gie assenjat biss il-kirja tal-hanut gestit mill-partijiet, polza ta' assikurazzjoni wahda u mobbli fl-ammont komplessiv ta' Lm500, oltre ovvjament l-obbligu ta' hlas ta' manteniment in ezami. Ghalhekk certament illi f'tali sitwazzjoni finanzjarja, ma jistax jinghad illi l-appellanti kellu l-mezz kif, una volta illi minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta` tieghu, tilef il-kirja tal-hanut originali, b'xi mod jerga' jikkontratta sabiex iwaqqaf negozio *di proprio*.

Din hija prova oggettiva illi giet interament skartata mill-ewwel Qorti, illi, bl-akbar rispett, ghazlet illi tistrieh, minflok fuq l-allegazzjoni tal-konvenuta llum appellata, illi l-appellanti jaghmel xoghol fid-djar u ghalhekk ghandu introjtu li ma jidhirx. L-appellanti jirrileva umilment illi tali allegazzjoni hija interament bazata fuq *detto del detto* stante illi l-konvenuta llum appellata ma pproducietx imqar wahda mill-allegati klijenti ta' l-appellanti in sostenn ta' l-allegazzjoni taghha, u ghlahekk tali allegazzjoni kellha tigi interament skartata, u ma setghet qatt tifforma l-bazi, anke jekk parzjali, tal-gudizzju ta' l-ewwel Qorti.

Fuq tali konsiderazzjonijiet, l-ewwel Qorti kkonkludiet illi:
*"... ma jirrizultax li l-attur kien f'xi impossibbilita` li jahdem, imqar jekk ghal rasu jew part-time, jew kien fl-impossibbilita` li altrimenti jhallas il-manteniment miftiehem. Ma jirrizultax li dan kien kaz fejn jirrikorru cirkostanzi gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta` ta' l-attur li gabuh fl-impossibbilita` li jhallas ir-retta alimentari".*[5]

Bl-akbar rispett, din il-konkluzjoni ma ssegwix mill-provi prodotti stante illi l-konvenuta llum appellata ma gabet l-ebda prova in sostenn ta' l-allegazzjoni taghha illi l-appellanti ghandu potenzjal illi jahdem ferm aktar milli qed jaghmel, u ghalhekk l-ewwel Qorti jidher illi setghet strahet biss fuq impressjoni vaga u generalizzata ta' dik li tista' tkun is-sitwazzjoni ta' l-appellanti. Dan, bl-akbar rispett, huwa l-pern tal-gudizzju zbaljat illi sar f'dina l-kawza,

[5] A fol. tas-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti.

stante illi l-impossibilita` illi jottempera ruhu ma’ l-obbligu minnu assunt, giet ippruvata ampjament mill-appellanti fil-kaz odjern. L-appellanti pprova l-kaz tieghu mhux biss ai termini tal-Ligi izda wkoll ai termini tal-kuntratt vigenti bejn il-partijiet u cioe` illi ghal perijodu indefinit u minhabba cirkostanzi serji u indipendenti mill-volonta` tieghu, l-appellanti huwa impedit milli jhallas it-totalita` tal-manteniment pattwit.

Il-fatt illi l-appellanti dejjem ipprova jahdem, anke jekk fuq bazi *part-time* kellu jittiehed bhala indikazzjoni tal-genwinita` tas-sitwazzjoni, u tal-fatt illi l-impossibilita` finanzjarja illi jhallas il-manteniment ingenti stabbilit, kienet tirrizulta minn cirkostanzi gravi u indipendenti mill-volonta` ta’ l-appellanti, li kienu jiggustifikaw ir-riduzzjoni tal-manteniment pattwit. Bl-akbar rispett, il-fatt illi l-ewwel Qorti rrikonoxxiet illi l-appellanti seta’ kellu biss il-possibbilita` illi jahdem *part-time*, messu wassal awtomatikament ghar-riduzzjoni tal-manteniment, stante illi min jahdem *part-time* b’introjtu ta’ hamsa u ghoxrin Lira Maltija (Lm25.00) fil-gimgha,[6] certament illi huwa fl-impossibbilita` attwali u fizika illi jhallas manteniment ta’ erbgha u hamsin Lira Maltin (Lm54.00) fil-gimgha. Hawn tikkonkorri l-impossibbilita`. Din, kombinata mal-fatt illi l-konvenuta appellata hija f’posizzjoni finanzjarja ferm aktar soda minn ta’ l-appellanti stante illi, oltre dak lilha assenjat fis-separazzjoni personali, hija impjegata ma’ Bank lokali bhala *inspector*, u tahdem ukoll fil-*weekend*, kellu, bl-akbar rispett, iwassal ghal varjazzjoni fil-manteniment pattwit, stante illi llum, skond il-Ligi, ai termini ta’ l-Artikolu 3B tal-Kodici Civili, kemm l-omm kif ukoll il-missier ghandhom l-obbligu ugwali li jmantnu lil uliedhom.

Ghaldaqstant, l-appellanti, talab li dina l-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta’ Jannar 2003, fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi, billi tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta appellata, u tilqa’ t-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenuta appellata.

---

[6] Vide Xhieda ta’ Alfred Grech tas-16 ta’ Jannar 2002 u dokumenti minnu esebiti.

**IR-RISPOSTA TAL-KONVENUTA APPELLATA PAULINE GRECH**

5. L-appellata wiegbet hekk:

*Illi l-appell interpost mill-attur Alfred Grech mis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta' Jannar 2003 fil-kawza fl-ismijiet premessi ghandu jigi michud u l-istess sentenza ghandha tigi kkonfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur ghar-ragunijiet segwenti:*

*i) Illi l-aggravji sollevati fl-istess appell huma ghal kollox inezistenti u dan kif diga` gie spjegat fit-tul mill-esponenti appellata fin-nota ta' l-osservazzjonijet u fin-nota ta' l-osservazzjonijiet ulterjuri taghha; u kif ser jigi spjegat ahjar ulterjorment:*

*ii) Illi l-aggravju ta' l-attur appellant illi l-ewwel Qorti naqset milli tapprezza illi l-qaghda finanzjarja ta' l-appellant tbiddlet radikalment mill-iffirmar tal-kuntratt redatt quddiem in-Nutar Marco Burlo` fit-3 ta' Awissu 1995, b'mod illi fiz-zmien tal-prezentata tac-citazzjoni u anke prezentament, l-appellanti huwa finanzjarjament fl-impossibbilta` illi jhallas l-ammont ingenti ta' manteniment stabbilit fil-kuntratt imsemmi bejn il-kontendenti, huwa insostenibbli ghas-segwenti motivi:*

*a) Illi ghalkemm hafna drabi l-kambjamenti fic-cirkostanzi ekonimici tad-debitur jew tal-kreditur ta' l-obbligu tal-manteniment jitqiesu illi jincidu fuq dana l-obbligu tal-manteniment, il-konvenuta appellata mir-rikors promotur ta' l-appell odjern, konfortata mill-gurisprudenza citata diversi drabi fit-trattazzjoni ta' din il-kawza quddiem l-ewwel Qorti tissottometti illi jekk l-obbligu tal-hlas tal-manteniment ikun gie stabilit u regolat f'kuntratt, bhal ma huwa l-kaz odjern, tali obbligu jista' jigi varjat biss bil-mod u fic-cirkostanzi stabiliti appozitament fil-kuntratt.*

*b) Illi l-kuntratt ta' separazzjoni tal-kontendenti, fuq imsemmi, kien jikkontempla d-dritt ta' l-attur illi jitlob riduzzjoni fil-manteniment minnu pagabbli biss f'kaz illi ghal perijodu indefinit u minhabba cirkostanzi serji u indipendenti mill-volonta` tieghu, jkun hemm cirkostanzi illi*

*jzommuh milli jhallas il-manteniment jew serjament jirriducu l-kapacita` tieghu illi jhallas il-manteniment (Ara l-Artikolu 2(iv) tal-kuntratt ta' separazzjoni). Ghalhekk biex l-attur appellant jirrevedi l-manteniment kontrattwali, u kif diga` gie dedott waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza quddiem l-ewwel Qorti huwa ghandu juri mhux biss illi l-kambjamenti fic-cirkostanzi ekonimici tieghu izda ghandu jissodisfa l-kondizzjonijiet l-ohra kkontemplati fl-Artikolu citat. In difett ta' prova ta' daqshekk, il-konvenuta appellata tissottometti u kif diga` ssottomettiet illi t-talba ta' l-attur appellant hija prekluza mill-gurisprudenza kostanti u razzjonali ta' din il-Qorti, f'materja tant solenni bhall-istabilita` tal-kuntratti.*

*c) Illi l-konvenuta appellata ghamlet riferenza ghal diversi sentenzi, li stabilew li kuntratt ta' separazzjoni personali hu bhal kull kuntratt iehor u ghalhekk ma jidbiddilx ghal xi cirkostanzi li ssopravenew wara l-konkluzjoni tal-kuntratt.*

*d) Illi dan il-principju kien gie stabbilit l-ewwel darba minn din il-Qorti (Imhallef Filippo Pullicino) fl-1880; - 'Quando gli alimenti sono domandati in virtu` di convenzione, vi si devono applicare le regole ordinarie dei contratti e di un vero credito, senza che la pensione convenuta sia soggetta a variazione per cambiamento di stato, sia dell' alimentante sia dell' alimentato. (Vol 9, p.179, 16 ta' Gunju 1880).' Din is-sentenza giet konfermata fil-Qorti ta' l-Appell presjeduta minn Sir Adriano Dingli fit-22 ta' Gunju 1881 (Vol 9 pg 463).*

*e) Illi dan il-kuncett gie approfondit mill-Qorti ta' l-Appell presjeduta minn Sir Arturo Mercieca fis-26 ta' Ottubru 1937 li rribadixxa li l-legislatur ried jaghti lis-separazzjoni personali konsenswali in-natura ta' veru kuntratt b'mod li 'l-pattijiet li jsiru fiha ma jistghux jigu mibdula minghajr il-kunsens komuni tal-partijiet.....il-klawzola dwar l-alimenti ma tistax tigi modifikat mill-Qorti jekk ikun hemm oppozizzjoni ta' wahda mill-partijiet'. Din is-sentenza spjegat ukoll kemm is-sistema legali Taljan hu divers minn dak Malti fir-rigward ta' separazzjoni konsenswali. (Vol. 29-1.1121). Dina l-Qorti (Imhallef*

*Montanaro Gauci) kienet f'sentenza ohra fil-meritu tat r-raguni fundamentali ghala ebda kuntratt ta' separazzjoni konsenswali ma jista' jigi mibdul jew impunjat; - "Kuntratt ta' separazzjoni personali huwa essenzjalment transazzjoni, li permezz tieghu il-partijiet jaghtu u jiehdu vantaggi u zvantaggi. Ikun kompletament inikwu li parti wahda f'transazzjoni zzomm dak li tkun hadet, izda iccahhad lill-parti l-ohra minn dak li tkun tatha. It-transazzjoni ma tistax tinqasam fi bcejjec, izda tifforma haga wahda fil-partijiet kollha li gew miftehma' (Volum 29-2-438). Fuq l-indivizibilita` ta' kuntratt ta' transazzjoni ssir riferenza ukoll ghas-sentenza rraportata fil-Volum 29-1-653.*

*III) Illi l-aggravju ta' l-attur appellant illi fid-decizjoni ta' l-ewwel Qorti id-dispozizzjonijiet li gew citati ma japplikawx ghall-manteniment pattwit bonarjament bejn il-partijiet u li b'hekk l-istess decizjoni ta' l-ewwel Qorti hija erronea, huwa insostenibbli ghas-segwenti motivi:*

*a) Illi kif diga` gie spjegat fin-nota tieghu l-attur appellant iccita s-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' Novembru 1994 fl-ismijiet Victoria Camilleri vs Mahmood Karren fejn, skond l-attur, il-principju 'nemo ad impossibilitatur tenetur' giet envizjata (sic) bhala applikabbli f'materja ta' manteniment naxxenti minn separazzjoni konsenswali. F'dik is-sentenza u f'din l-imsemmija nota gew citati l-Artikoli 985, 54(7) u 21(1) tal-Kapitolu 16. F'din in-nota tieghu, l-attur appellant ipproklama din is-sentenza bhala r-revoka tal-gurisprudenza citata mill-esponenti fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha.*

*b) Illi kif gie ritenut fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-konvenuta appellata fl-ewwel istanza, u kif ukoll gie mfisser fid-decizjoni ta' l-Ewwel Qorti appellata mill-attur fir-rikors promotur ta' l-appell odjern, l-artikoli citati mill-atturi appellanti kemm fit-trattazzjoni tal-kawza quddiem l-istess l-ewwel Qorti kif ukoll fir-rikors promotur ta' l-appell odjern huma inapplikabbli ghar-ragunijiet segwenti:*

*i) Illi l-Artikolu 985 tal-Kodici Civili jipprovdi illi dak li huwa impossibbli ma jistax ikun il-meritu ta' kuntratt. Huwa car illi l-obbligu tal-hlas ta' manteniment accettata minn debitu f'ammont ragonevoli u li (fil-kaz odjern) huwa inferjuri ghal dak kontribwit minnu qabel il-ppublikazzjoni ta' l-att ma jistax qatt jigi ritenut bhala haga 'impossibli' oggettivament impossibbli ghall-fini ta' l-artikolu citat.*

*ii) L-artikolu 54(7) citat sew mill-attur appellant u kif ukoll fis-sentenza minnu invokata ovvjament tirrigwarda manteniment naxxenti minn sentenza u mhux dak miftihem b'kuntratt.*

*iii) L-Artikolu 21(1) ghandu jitqies bhala enunzjazzjoni tal-principju generali illi l-manteniment huwa pagabbli 'sicrebus stantibus' soggett ghar-rivizjoni f'kaz ta' kambjament fic-cirkostanzi materjali. L-esponenti gia` argumentat fin-nota precedenti taghha illi dan il-principju mhuwiex assolut u jippermetti eccezzjonijiet minnu b'mod partikolari fil-kaz ta' manteniment stabilit f'kuntratt ta' separazzjoni fejn il-manteniment huwa wiehed minn diversi kapijiet transatti mill-kontrajenti f'kuntratt wiehed indivizibbli li ghandu jigi obdut u enforzat in toto.*

*iv) Kif gie relevat mill-konvenuta appellata u kif gie ukoll korrettament citat mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata fir-rikors promotur ta' l-appell odjern, illi l-kuntratt 'ta' separazzjoni' meritu tal-kawza Camilleri vs Karim citata mill-attur appellant bhala l-bazi ta' l-argumentazzjoni tieghu ma kienx kuntratt ta' separazzjoni xejn izda biss kuntratt fejn wara l-annullament taz-zwieg taghhom il-partijiet kienu ftehmu dwar l-ammonti ta' manteniment li l-konvenut kellu jhallas ghall-attrici u ghall-uliedu minuri.*

**KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI**

6. L-appell ta' l-attur hu bbazat kemm fuq aggravji ta' indole legali kif ukoll ta' fatt.

Taht l-aspett legali, l-appellant jissottometti li filwaqt li hu jaqbel ma' l-ewwel Qorti li l-principju ta' nemo ad impossibilia tenetur ghandu japplika dejjem, mhux jaqbel ma' l-ewwel Qorti meta din ghazlet li ssegwi dak li gie

ritenut fil-kawza in re: V. Camilleri pro et noe – vs – M.F.A. Kareem deciza fit-2 ta' Novembru 1994 li d-dispozizzjonijiet li hemm fl-Artikoli 21(1) u 54(7) tal-Kap. 16 ma japplikawx ukoll f'kaz ta' manteniment pattwit bejn il-partijiet *ex contractu*. La l-ligi ma tiddistingwix, ma kienx lecitu ghall-Qorti li tohloq distinzjoni hi bejn manteniment hekk pattwit minn iehor moghti xort' ohra, jigifieri gudizzjarjament – hekk jirreferi ghas-sentenza ta' din il-Qorti *in re* M. Vella – vs – M. Vella deciza fil-11 ta' Jannar 1996. Apparti li tali distinzjoni ma tohrogx mil-ligi, jghid l-appellant, fi kwalunkwe kaz is-sitwazzjoni finanzjarja tieghu kienet tali li kienet tinkwadra ruhha taht il-fattispecje ta' impossibbilita` kif jissemma' u skond kif ftiehem mal-kontro-parti konvenuta, fejn hemm ragunijiet ta' sahha u ohrajn li hu ma kellux kontroll fuqhom. L-appellant lanqas jaqbel ghal kollox ma' dak li gie ritenut fil-kawza surreferita Vella *utrinque* in kwantu din irriteniet ukoll li l-kriterji applikabbli meta si tratta ta' separazzjoni konsenswali fejn il-partijiet ikunu kkonkordaw bejniethom dwar il-manteniment fis-sens li l-kriterji applikabbli mill-Qorti f'kazi ta' din ix-xorta huma aktar rigidi u gravi minn dawk talvolta applikabbli f'kaz ta' manteniment li jkun gie impost mill-Qorti.

7. Il-Qorti ezaminat din il-parti ta' l-aggravju u fil-fehma taghha dak li gie ritenut mill-ewwel Qorti huwa sostanzjalment korrett. Huwa minnu li l-ligi civili taghna ma toqghodx tiddistingwi bejn manteniment impost jew ordnat mill-Qorti minn iehor pattwit bejn il-konjugi nfushom ghall-fini ta' varjazzjoni. Imma l-appellant messu jaf ukoll li fejn si tratta ta' ftehim *per via* ta' kuntratt ghandu wkoll jghodd fermament il-principju ta' *pacta sunt servanda*. Il-Qrati taghna, minkejja li fil-bidu jirrizulta li addottaw posizzjoni rigida, anzi wahda inflessibbli, meta gew rinfaccjati b'talbiet ghal revizjoni u/jew varjazzjoni ta' retti alimentari li jkunu gew miftehma bejn il-konjugi stess, mal-milja taz-zmien hassew in-necessita` li fl-interess ta' l-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet, kellhom jikkoncedu illi taht certi cirkostanzi li gew ikkwalifikati bhala ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta` ta' l-attur li gabuh fl-impossibilita` li jhallas r-retta alimentari, allura

f'kazi simili jista' jkun hemm lok ghal varjazzjoni. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, din il-linja flessibbli fil-kazi propizji hija wahda ferm gusta mill-posizzjoni addottata qabel. Effettivament, din il-Qorti jidhrilha wkoll li hemm, u mhux ma hemmx, differenza bejn manteniment ordnat mill-Qorti "*ope legis*" minn iehor miftiehem volontarjament mill-konjugi stess. Fit-tieni kaz, wiehed ghandu jipprezumi li trattandosi hawn ta' ftehim ta' separazzjoni bonarja u mhux ko-atta jew forzata, li l-partijiet ftehmu fl-ahjar interess taghhom it-tnejn. Jekk dan kollu ma fehmux il-legali ta' l-attur, l-attur jidher li kien konsapevoli ghall-ahhar tieghu. Di fatti, minn ezami ta' dak li ddepona l-attur fl-affidavit tieghu datat it-22 ta' Frar 1999, huwa jaghmel hiltu biex jipprova juri li meta ffirma l-ftehim ta' separazzjoni ma kien f'siktu xejn, anzi addirittura ffirmah kontra l-parir ta' l-avukat tieghu li kien dakinhar jippatroncinah. F'parti mill-affidavit tieghu (ara Dok AG, fol 34, it-tieni paragrafu) l-appellant jghid hekk,
"Niftakar sewwa illi jiena kont insistejt li niffirmaw is-separazzjoni ghaliex tant kont ninstab imwegga' u taht stat ta' ansjeta`, li l-ghalkemm l-avukat tieghi ta' dak iz-zmien tani parir sabiex ma niffirmax il-kuntratt, jiena xorta insistejt u qbilt li niffirma taht dawn il-kundizzjonijiet ghalkemm kienu difficli ferm".

Min-naha l-ohra pero`, ghandu jinghad illi sakemm dan il-ftehim ma jigix impunjat, ma hemm assolutament l-ebda raguni l-ghala din il-Qorti, jew kwalsiasi Qorti ohra, ghandha tqisu bhala wiehed vizzjat u l-attur lanqas ma jista' jippretendi li jiehu xi vantagg billi *ex admissis* jistqarr li mexa' (jekk inhuwa tassew hekk) b'mod irresponsabbli.

8. Fi kwalsiasi kaz pero`, dejjem taht l-aspett legali, din il-Qorti frankament ftit fehmet il-ghala l-partijiet kellhom jelaboraw daqstant in iskritt dwar x'posizzjoni kellha tiehu l-Qorti fil-kaz in ezami una volta li jirrizulta li l-kuntratt stess – dejjem fil-kaz kongruwu – isemmi espressament u jahseb li f'kaz li jkun sehh tibdil fil-qaghda finanzjarja ta' l-attur tibqa' l-possibbilita` li jkun hemm revizjoni tar-retta alimentarja. Di fatti, il-kuntratt *de quo* (ara Dok $A_2$ fol 7 tal-process, Klawsola VI) *inter alia* jipprovdi li gej,

*"Appearer Alfred Grech hereby obliges himself to pay unto his wife appearer Pauline Grech the weekly sum of fifty four liri (Lm54), payable monthly in advance with effect from today as his contribution towards the maintenance of the said minor child Terrance Grech, which payment shall cease upon the child's attainment of majority, and shall be suspended during any period during which that minor child has full time gainful employment, <u>but shall not be in any way revised, reduced or otherwise affected</u>, should the <u>said appearer Pauline Grech have any full or part time employment or otherwise possess any income wheresoever derived. The maintenance set out in this paragraph shall be revised</u> on the first (1st) day of June, of the year one thousand nine hundred and ninety six (1996), and of every second year thereafter <u>in accordance with cost of living increases as such increases result</u> (sic) <u>from the Index</u> kept for that purpose by the competent authorities. <u>Saving in the manner and to the extent set out in this clause, the maintenance payable by appearer Alfred Grech shall not be subject to any further revision, reduction or increase, saving that where for a period of indefinite duration and on account of serious causes arising independently of the will of Appearer Alfred Grech, there is substantial reduction in the income of the said appearer Alfred Grech, which prevents or seriously reduces his ability to pay the manitenance set out herein, the said appearer Alfred Grech shall be entitled to demand the reduction of the maintenance payable in terms of this deed</u>"*. (Sottolinear tal-Qorti).

Jidher car daqs il-kristall li fil-fatt il-partijiet kontraenti kienu altru milli investew il-punt dwar possibbilita` o meno ta' revizjoni. Kwindi, din il-Qorti qajla tifhem l-iskop li ghalih kien hemm ghalfejn jinkitbu monografiji dwar id-dritt o meno ta' revizjoni f'dan il-kaz, kif intqal aktar qabel. Fi kliem iehor, kienet allura merament <u>kostatazzjoni ta' fatt</u> jekk kienx hemm cirkostanzi tali bhal dawk li jissemmew fil-klawsola surrefita li jiggustifikaw revizjoni 'l isfel tar-retta imhallsa mill-attur ghal fini ta' manteniment.

9. Jinghad inoltre li l-attur, proprju bil-maqlub ta' l-impressjoni ta' desolazzjoni, ansjeta` u dizgwid mal-legali

tieghu li jipprova jaghti fl-ewwel parti ta' l-affidavit tieghu, ikompli in segwitu hekk,
"Niftakar li fuq insistenza ta' l-avukat tieghi ta' dak iz-zmien li konna emendajna l-kuntratt bi klawsola dettaljata aktar mill-ohrajn ghal dak li jirrigwarda l-pagament tal-manteniment. Di fatti klawsola numru (vi) tal-kuntratt tas-separazzjoni datat 3 ta' Awissu 1995 hemm stipulat b'mod car li revizjoni u riduzjoni f'dan l-ammont tista' tigi permessa f'kaz li jiena ndum minghajr impieg jew f'kazijiet fejn jiena nitqieghed f'kundizzjoni serja indipendenti mir-rieda tieghi sabiex inhallas dik ic-cifra. Il-paragrafu (vi) di fatti jaghlaq bid-dritt li jiena nista' nitlob riduzzjoni f'dan il-manteniment skond il-kuntratt." (Sottolinear tal-Qorti).

Din is-silta mill-affidavit (ara Dok AG fol 34 tal-process) hija riflessjoni ta' mohh li qieghed jahseb b'mod lucidu u ta' agir garbat u bis-sens.

Fil-fehma ta' din il-Qorti inoltre, darba li l-partijiet stess kienu espressament ipprovdew kwantu ghall-possibbilita` o meno ta' revizjoni tar-rata ta' manteniment, ma kienx hemm skop li l-partijiet joqghodu jintilfu f'sottomissjonijiet fit-tul dwar distinzjoni bejn manteniment iffissat gudizzjarjament minn iehor pattwit bejn il-konjugi b'kuntratt. Se mai, haga bhal din setghet tqum kemm-il darba l-ftehim ma kien jipprovdi xejn, li m'huwiex hekk f'dan il-kaz.

10. It-tieni parti ta' l-aggravju hija dwar il-lanjanza ta' l-attur li l-apprezzament tal-fatti li jemergu mill-provi maghmula mill-ewwel Qorti kienet wahda zbaljata billi kien hemm provi bizzejjed li jmorru a favur it-talba tieghu.

L-attur jilmenta li l-ewwel Qorti strahet fuq allegazzjonijiet mhux pruvati, anzi gratuwiti, maghmulin mill-appellata, dwar introjti sostanzjali mix-xoghol ta' "*hairstylist*" li l-attur kien suppost idahhal. Jghid li l-Qorti ma haditx "kont tal-genwinita` tas-sitwazzjoni ta' l-appellanti" kemm fuq pjan materjali, kif ukoll dak psikologiku. Isemmi li hu waqa' f'depressjoni, sa anke wasal (fil-passat) ghal tentattiv ta' suwicidju. Jghid li hu tilef is-servizzi li kienet tipprovdilu martu fil-hanut, li sa kellu jcedi l-kirja tieghu. Jghid inoltre

li kieku ma kienx genwin lanqas kien jassumi oneri daqstant tqal biex jipprovdi manteniment gholi ghal ibnu, taht kundizzjonijiet li jqeghduh fi zvantagg fil-konfront ta' martu. Martu spiccat biex zammet l-assi tajbin tal-komunjoni u hu tilef dawk li kien igawdi qabel. Jichad li huwa jaghmel xoghol privatament u spicca jahdem ma' haddiehor fuq bazi "*part-time*" b'introjtu baxx ta' Lm25.00 fil-gimgha biss.

11. Din il-Qorti tibda bis-solita osservazzjoni li fejn si tratta ta' mera evalwazzjoni ta' provi ta' fatt, hija ma tiddisturba qatt leggerment l-istess evalwazzjoni li tkun gia` saret mill-Qorti ta' l-ewwel grad jekk mhux ghal raguni jew ragunijiet gravi li juru li hemm tassew lok ghal revizjoni tad-decizjoni moghtija.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa d-diversi punti ta' fatt li jsemmi l-appellant u minkejja t-tul u r-ripetizzjonijiet li jikkaratterizzawhom, bir-rispett kollu ma tara li hemm ebda raguni li tiggustifika revizjoni jew revoka tas-sentenza appellata. Per ezempju, l-attur iressaq diversi allegazzjonijiet li inducuh jasal f'separazzjoni bonarja u jaccetta kundizzjonijiet li huwa jikkwalifika bhala li huma jew oneruzi wisq jew inkella ta' zvantagg kbir ghalih. Din il-Qorti gia` esprimiet ruhha qabel fis-sens li kemm-il darba l-ftehim ghadu fis-sehh u ma giex impunjat, hija tenuta li sakemm ma jkunx hemm xi raguni eccezzjonali timxi mieghu ghaliex, wara kollox, dan kien jirrifletti l-hsieb u x-xewqa tal-partijiet infushom. Jekk issa l-attur qieghed jiddispjacieh dwar dak li dahal hu ghalih volontarjament, *imputet sibi*, u m'ghandux jippretendi li l-Qorti tinjora jew tmur bil-kontra ta' dak miftiehem. Dwar l-gheluq tan-negozju f'ismu bhala "*hairstylist*" u c-cessjoni tal-kirja, l-attur ma kellux ghalfejn jilmenta mill-fatt li bis-separazzjoni li sehhet bejnu u bejn martu huwa gie priv mis-servizzi varji li din kienet tipprestalu. Din haga li messu pprevediha. L-ewwel Qorti evidentement lanqas ma giet konvinta – u lanqas din il-Qorti – li l-attur ma setax, jew ahjar m'huwiex, idahhal izjed minn Lm25 fil-gimgha derivanti minn impieg "*part-time*" bhala "*hairstylist*". Kull meta ried jahdem bis-serjeta`, l-attur dejjem jidher li seta' jaghmel hekk facilment u ma kien hemm ebda raguni –

almenu fil-passat – li kienet timpedixxi serjament lill-attur milli jkollu qliegh bizzejjed biex imantni kemm lilu nnifsu kif ukoll lil ibnu skond ma ftiehem li jaghmel huwa stess. Jekk imbaghad in segwitu sehhew fatti li setghu ppeggjoraw id-disponibilita` ta' l-attur biex jahdem bla xkiel, allura tali zvilupp *se mai* jista' jaghti lok ghat-tehid ta' azzjoni separata minn din in ezami.

Ghalhekk l-aggravji ta' l-attur huma infondati u qeghdin jigu respinti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma *in toto* is-sentenza appellata tichad l-appell ta' l-attur bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------